Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 281 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Sylvana Zrinzo Azzopardi

Vs

Sabri Abdelaziz Khalifa

Illum 1 ta' Novembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Sabri Abdelaziz Khalifa detenur tal-karta tal-identita Maltija 177795 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-kwalita' tieghu ta' direttur u / jew segretarju ta' kumpanija u / jew rappreżentant ġuridiku tas-socjeta' kummerċjali 'Tal-Merħba Company Limited (C71520)', b'indirizz reġistrat 'Blooms', Flat 1, Triq il-Ġifen, San Pawl il-Baħar, Malta u / jew bħala l-persuni li kien nkarigat mill-istess soċjeta' kummerċjali sabiex jħallas l-pagi dovuti, naqas li jħallas l-Pagi għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Jannar 2016 u s-17 ta' Marzu 2016, ammontanti għal € 2927.16, naqas li jħallas Overtime għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Jannar 2016 u s-17 ta' Marzu 2016 ammontanti għal €2,299.18, naqas li jħallas Vaganzi Pubbliċi għall-10 ta' Frar 2016 ammontanti għal € 186.84, naqas li jħallas Vacation Leave għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Jannar 2016 u s-17 ta' Marzu 2016 ammontanti

għal €270.19, naqas li jħallas Weekly Allowance għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Jannar 2016 u s-17 ta' Marzu 2016 ammontanti għal €33.55, naqas li jħallas l-Bonus għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Jannar 2016 u s-17 ta' Marzu 2016 ammontanti għal €37.00, naqas li jħallas Notice Period għall-perjodu ta' bejn it-18 ta' Marzu 2016 u l-24 ta' Marzu 2016 ammontanti għal € 415.38, li b'kollox jammontaw għal erbat elef tlett mija u disgħa u sittin ewro u tletin ċenteżmu (€4369.30), inklużi t-taxxa u l-bolla u li kienu dovuti lil eximpjegat tieghu, u ċioe' lil Engin Turk (I.D. No. 25634A).

Għaldaqstant, il-Qorti ġiet mitluba tordna lill-imputat, ai termini tal-Artikolu 45 (1) tal-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex iħallas il-penali skond il-Liġi, kif ukoll tordna lill-imputat, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kapitlu 452 u tar-Regolament 22 tal-Avviż Legali 247 ta' l-2003 kif emendat bl-Avviż Legali 427 ta' l-2007 u 259 ta' l-2012 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex iħallas lil Engin Turk (I.D. No. 25634A) l-ammont ta' erbat elef tlett mija u disgħa u sittin ewro u tletin ċenteżmu (€4369.30) għar-raġunijiet hawn fuq speċifikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-16 ta' Marzu, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 5, 22, 23, 25, 45, 46, u 47(2) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolamenti 8 u 22 tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Hin tax-Xoghol, Avviz Legali 247 tal-2003, l-artikolu 3 tal-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar Allowance fil-Gimgha (Avviz Legali 112 tal-1988), sabet lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal multa ta' €1,000.

F'kaz li tali ammont ma jithallasx hekk kif ordnat, ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Illi l-Qorti giet prekluza milli taghmel ordni ai termini tal-artikolu 45(2) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali biex Turk jithallas lammont ta' €4,369.30, u dan tenut kont tal-konferma ta' Turk li l-paga kienet bejn €1,600-€1,800 fix-xahar. Inoltre` u in vista tal-fatt li dan thallas €900, tali ammont ghandu jitnaqqas mill-ammont totali dovut lilu.

Ghahekk fid-dawl tas-suespost ordnat, ai termini tal-istess artikolu 45 (2) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, lill-imputat sabiex ihallas lil Engin Turk id-

diversi ammonti dovuti lilu li ghandhom jigu kalkolati mill-gdid mhux abbazi tar-rata ta' €10.38 izda fuq paga mensili ta' €1,600 li aktar tidher li hi definnitiva. Fl-ahhar ghandhom jitnaqqsu wkoll id-€ 900 imsemmija.

Ai termini tal-istess sub-artikolu din l-ordni ghandha l-istess forza u effett u hija esegwibbli bl-istess mod daqslikieku inghatat f'kawża ċivili bejn l-impjegat u l-prinċipal.

Illi ta' spiss il-Qorti thossha fid-dover tirrimarka li kull ma jmur qed jigu krejati prattici minn min ihaddem li huma intizi biex jiffrodaw u f'kazijiet anke jisirqu lill-erarju, u mhux semplicement biex jisfruttaw lill-impjegat.

Hafna drabi anke l-impjegat jasal ikun kompartecipi mal-employer f'dawn id-delitti peress li jara biss sa mniehru w iqis biss li ser jiffranka minn hlasijiet ta' taxxa, minghajr ma jqis li fl-ahhar mill-ahhar ser ikun vittma tal-ghemil tieghu stess meta fiz-zmien opportun jigi kalkolat l-ammont ta' kontribuzzjoni socjali li jkun hallas tul is-snin u jinsab li ma jkunx intitolat ghal diversi beneficcji inkluz pensjoni denja.

Ta' spiss jirrizulta li min ihaddem jonqos milli jghaddi l-kontribuzzjonijiet mnaqqsa mis-salarju tal-impjegati tieghu lill-erarju jew jonqos milli jghaddi lill-erarju dak l-ammont li jkun effettivament dovut. Meta d-Dipartiment tal-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali isir jaf b'dan fil-kors ta' investigazzjonijiet tieghu, jiskatta obbligu civiku li jigu nfurmati awtoritajiet ohra b'kompetenza li jiggieldu tali abbuzi. Hu essenzjali li lawtorijiet koncernati jigbdu habel wiehed sabiex jigi assigurat li dak dovut lill-erarju ma jispiccax fil-bwiet ta' terzi. Ghandu jkun hemm sinergija bejn id-dipartiment tal-Kummissarju ghat-Taxxi, d-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali w il-Pulizija Ezekuttiva biex kwalunkwe forma ta' abbuz tigi missielta b'sahha u determinazzjoni. Il-beneficcji socjali li ngawdu f'pajjizna, nkluz fil-qasam edukattiv u tas-sahha, huma frott ta' taxxi u kontribuzzjonijiet fiskali ohra, u ghalhekk ghandu jkun hemm impenn kollettiv biex transgressjonijiet simili fejn lill-erarju jigi deprivat minn dak dovut lilu jigu eradikati.

Fl-ahhar nett ghandu jigi kunsidrat li tinghata pubblicita` anke fuq ilmezzi tax-xandir permezz ta' kampanji edukattivi, mhux biss dwar x'inhuma d-drittijiet tal-impjegati

izda anke ta' dawk il-prattici intizi biex jisfruttaw lil impjegat. Konsiderazzjoni ohra li tista' sservi wkoll ta' deterrent hi li fejn jigi determinat xi forma ta' abbuz minn min ihaddem, id-dipartiment jaghti pubblicita` ghal dan il-fatt anke permezz ta' registru li jkun accessibbli online; fejn trasgressuri w l-istabbiliment/i gestit/i minnhom jissemmew b'isimhom.

Ordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kommunikata lid-Direttur responsabbli għall-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, u lil Kummissarju ghat-Taxxi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Sabri Abdelaziz Khalifa, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-25 ta' Gunju, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Sabri Abdelaziz Khalifa moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-6 ta' Gunju 2018, u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena, u fl-eventwalita' biss li ssib htija, tirriformaha kwantu ghall-piena, billi timponi piena aktar miti fic-cirkostanzi tal-kaz.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti u cioe':

1. L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi. Jibda qabel xejn biex jinghad illi x-xiehda moghtija minn Engin Turk hija ghal kollox konfliggenti u inveritiera minn diversi aspetti u jkun tassew *unsafe u unsatisfactory* li wiehed jistrieh fuq ix-xiehda tieghu. Jirrizulta bic-car illi Engin Turk iffabbrika x-xiehda tieghu kif se jinghad. Ghall-kuntrarju x-xiehda moghtija mill-appellant ghandha aktra mis-sewwa.

    a. L-ewwel aspett huwa dak li jirrigwarda l-hinijiet tax-xoghol. L-ilment beda meta Turk mar id-Dipartiment u fetah ilment ma' Jonathan Caruana. Ma' Caruana Turk qallu li biss li ma kienx qieghed jithallas ta' xi overtime. Ma qallux li ma kienx qieghed jithallas tas-salarju, tal-bonuses u ohrajn. Minkejja dan. Turk ghaddha lil Caruana lista ta'

hinijiet li jinsabu a fol 7, 8 u 9 tal-process. Din il-lista hija dubjuza f'diversi aspetti taghha.

(i) Ghalfejn id-dati mis-17 sas-27 ta' Jannar 2016 (a fol 8) tinsab ingassata, jekk skond Turk huwa ma hadimx ghall-appellant fl-imsemmija dati, misteru li lanqas il-Qorti ma setghet tifhmu?

(ii) Tant kemm ir-rassenja saret bl-addocc, li ghalfejn id-19 ta' Frar 2016 tinsab indikata darbtejn (a fol 9)?

(iii) Ghalfejn wara d-29 ta' Frar 2016, l-appellant bi zball baqa' niezel sat-30 ta' Frar, u wara kkorega ruhu u indikaha bhala l-1 ta' Marzu 2016? Mhux ovvja li l-lista saret f'darba wahda u mhux f'diversi drabi?

b. Engin Turk fix-xiehda tieghu jghid illi l-appellant hallsu biss ta' l-ahhar gimaghtejn u ghaddhielu biss is-somma ta' 900 Eur. Kemm hi veritiera din id-depozizzjoni li Turk ma thallas xejn ta' l-ewwel xahrajn u qaghad jistenna xahrejn u nofs biex jitlaq mill-impjieg? U ghalfejn wiehed jistaqsi Turk ma informax lid-Dipartiment li l-appellant hallsu 900 eur? Kellha tkun l-ewwel Qortri li ordnat illi dan l-ammont ghandu jitnaqqas mis-somma. Li kieku Turk kien veritier, din l-informazzjoni krucjali kien jghaddiha lid-Dipartiment ma' l-ewwel opportunita' li kellu u mhux isemmiha l-ewwel darba fid-depozizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti.

c. Il-Qorti fis-sentenza taghha ma taghtix affidament lil Turk meta xehed illi r-rata miftehma beju u bejn l-appellant kienet ta' 10.38 Eur u dan ghar-raguni illi Turk stess ikkonferma illi s-salarju tieghu kien ta' bejn 1, 600 Eur u 1, 800 Eur. Apparti li s-salarju huwa wiehed fiss u mhux joqghod jilghab bejn zewg cifri, Turk hawnhekk gideb u gideb bil-kbir. Tant Turk iffabbrika x-xiehda tieghu ill il-ewwel Qorti kienet prekluza

milli taghmel ordni ai termini ta' l-artikolu 45 (2) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali.

d. Ghall-kuntrarju, il-verzjoni ta' l-appellant kienet wahda konsistenti mill-bidu sa l-ahhar. Huwa xehed illi mpjega lil Turk fil-5 ta' Frar 2016 skond ma indika r-riklam. Il-Qorti qalet fis-sentenza taghha: Kif seta' Turk ikun jaf bih jekk il-ftuh sar fil-5 ta' Frar, fil-jum tal-bidu ta' l-impjieg tieghu? Bid-dovut rispett seta' kien jaf peress illi r-riklam jitqassam qabel il-ftuh u mhux fil-gurnata tal-ftuh. Bil-fors illi l-partijiet tkellmu qabel sabiex Turk jibda fl-ewwel gurnata tal-ftuh! L-appellant xehed illi l-ftehim tar-rata kien ta' 4.50 Eur fis-siegha. Ghalfejn l-appellant ma kellux jitwemmen li din kienet ir-rata maqbula. X'inhu l-aktar veritier rata ta' 4.50 Eur jew rata ta' 10:48 Eur fil-qasam tal-catering? Zgur li l-Qorti ma memnitx il-verzjoni ta' Turk.

Bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti, ma jirrizultax li l-prosekuzzjoni ipprovat il-kaz taghha lil hin minn kull dubbju dttat mir-raguni. Ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni ma kienx veritier u kkontradica ruhhu fid-diversi aspetti tad-depozizzjoni tieghu. Min jigdeb u japprofitta ruhu mic-cirkostanzi ma ghandux jinghata affidament minn din il-Qorti u x-xiehdfa tieghu ghandha tigi skreditata u moghtija l-genb.

2. Illi gialadarba rrizulta illi Turk thallas tal-hinijiet kollha, l-ebda ordni taht l-artikolu 45(2) ta' l-Att ma tista' tinghta. Bla pregudizzju anke jekk jirrizulta illi baqa' xi bilanci fil-konfront ta' Turk, din l-ordni ma tistax tinghata peress illi l-ammont mhuwiex wiehed cert.

3. Illi bla pregudizzju u f'kaz biss ta' htija, il-multa imposta ta' €1,000 ghalkemm fil-parametri tal-ligi, mhijiex kalibrata sew. L-ammont li wiehed qieghed jargumenta dwaru huwa wiehed minimu u ghalhekk il-multa kellha tkun vicin il-minimu u mhux xi mkien fin-nofs.

Rat id-dokumenti kollha esebitifl-atti quddiem l-ewwel Qorti.

Rat ix-xhieda migbura quddiem l-ewwel Qorti.

Rat il-fedina penali tal-appellaent esebita fl-atti.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dana fis-seduta tas-27 ta' Settembru, 2018.

Ikkunsidrat,

Illi nhar l-14 ta' Frar, 2017 xehed **Jonathon Caruana** u spjega illi Angin Turk fil-kapacita' tieghu bhala Manager mar jirraporta d-Dipartiment li ma kienx qed jithallas ta' xi over time. Kien qallhom ukoll illi r-rata fis-siegha tieghu kienet ta' €10.38. Qal li kien hadilhom lista bil-hinijiet illi huwa hadem u bbazat it-talba taghhom fuq din l-istess lista. Ghalhekk fisser li hadu bhala rata l-ammont ta' €10 fis-siegha, l-lista tinsab esebita fl-atti a fol 8 markata bhala dok JC1. Esebixxa ukoll affidavit ta' Engin Turk fejn ikkonferma li kien qed jahdem mas-socjeta Tal-Merhba Co. Ltd bejn it-28 ta Jannar 2016 u s-17 ta Marzu 2016 (Dok JC a fol. 7). Esebixxa ukoll tlett ittri li kien baghat lill-employer ta' dan Engin Turk pero' zied jghid li risposta ghal dawn l-ittri qatt ma ircieva.

**Joseph Saliba** xehed fl-istess jum nhar l-14 ta' Frar, 2017 in rappresentanza ta' Jobplus u pprezenta l-employment history ta' Angin Turk, liema dokument gie markat bhala dok JS (fol. 18). Qal li rrizultalu li l-impieg tieghu kien miftuh mill-1 ta Jannar, 2007 ma Barran Limtied. Mistoqsi jekk jirrizultalux li dan Turk kellu xi impieg mas-socjeta tal-Merhba Company Limited jew tal-Merhba Kebab ighid li le.

**PL Quentin Tanti** xehed ghan-nom tal- MFSA u gie mitlub jghati l-involviment tas-socjeta' Merhba Company Limited ma jghid xejn. Jidher li x-xhieda tieghu dattilografata gie inserita u imhawda fix-xhieda li tax-xhud Joseph Saliba.

**Seuket Ozmer** xehed u kkonferma li Engin Turk kien il-manager taghhom meta kienu jahdmu ma Abdelazziz Khalifa f'hanut tal-Kebab gewwa Bugibba u cioe mal-akkuzat illum appellant. Jghid li l-hanut kien jismu Merhba Kebab. Qal li sa fejn jaf hu dan hadem maghhom ghall-perijodu ta' hames xhur. Qal li kienu jahdmu mieghu b'mod illegali ghaliex ma kellhomx ktieb tax-xoghol. Qal li Turk kien jahdem mieghu il-gurnata kollha fil-kcina bhala chef u wara l-bank mit-8.00a.m sat-8.00pm. Qal li kienu jkunu huma it-tnejn minn filghodu sa bil-lejl wahdedhom. Ma kienx hemm staff iehor.

**Engin Turk** xehed u spjega illi huwa kien qed ifittex impieg u kellu habib li kien gia beda jahdem mal-akkuzat u offrielu jahdem maghhom bhala manager f'restaurant Bugibba bl-isem Tal-Merhba Kebab Place. Qal li kien mar ikellem lil sid il-hanut u ftiehem mieghu biex jibda jahdem. Qal li beda jahdem mieghu qabel ma fetah ir-restaurant jghinu fid-disinn u fi-set-up anke billi jippreparaw il-menus. Qal li kien staqsa lill-akkuzat jekk kellux staff ghaliex huwa ried jahdem bhala manger u dan qallu li kollox kien sew. Qallu li kien ser jiltaqa' ma l-istaff jum qabel ma jifthu. Il-jum wasal cempillu u talbu biex jiltaqa' ma l-sitaff izda ma gie hadd. Qal li imbaghad gabu nies mit-triq biex jahdmu maghhom. Mitlub jghid jekk kellhom l-karti in regola ighid li l-akkuzat dejjem kien jiposponi u qatt ma rrangaw xejn. Qal li fl-ewwel jumejn hadem bejn 16 u 17 il-siegha u ghalkemm kien mananger hadem ukoll bhala chef ghaliex ma kellux chef. Kien jipprepara l-ikel kollu. Qal li imbaghad kien iwaqqaf in-nies u jghidlu li ma kienx ser ihallashom ghaleix kienu 'on-trial'. Kien jghidlu biex ibiddel l-istaff kul gimgha u kien jghidlu li ma setax jghamel hekk biex jevadi ir-registrazzjoni taghhom. Imbaghad qallu biex jixtri l-armar izda bla ma ihallas il-VAT. Qal li ma xtaqx jghamel hekk u qallu fil-kaz biex jordna hu. L-akkuzat ma riedx li huwa jispicca u ghahekk ghamillu kundizzjoni li kellu jiehu hsieb li jirregistrah ghax-xoghol u li l-memebri tal-familja tieghu ma jmorrux hemm fuq ix-xoghol u joqghodu mal-cash. Qal li l-akkzuat kien accetta pero' ghal-gimghatejn shah li segwew dejjem b'xi skuza jew ohra per esempju jxitri xi kimika ghall-art u jmur l-akkzuat u jghidlu li mhux tajjeb.

Iddecida li jieqaf u talbu ghal flus li kellu jiehu ghax-xoghol li kien ghamel. Qal li hallsu biss ghall-ahhar zewg gimghat is-somma ta' €900 u ma ridx ihallsu iktar ghax qallu li kien 'on-trial'. Iktar il quddiem jghid li thallas ghax-xoghol li ghamel u cioe is-somma ta €450 fil-gimgha. Jghid li ma thallasx ghall-ahhar gimghatejn u ghal-Hdud, jiem pubblici u l-over-time li hadem. Qal li kien hemm ukoll xi jiem meta kien qallu li ma kienx ser ihallsu ghaliex kien 'on trial'.

Nhar il-25 ta' April, 2018 ix-xhud rega' xehed in kontro esami ikkonferma li l-hanut Tal-Merhba Kebab infetah ghall-pubbliku fil-5 ta' Frar, 2016. Qal li fit-tlett ijiem wara u cioe' fil-5, 6 u 7 ta' Frar, 2016 kien hemm offerta fil-hanut. Mistoqsi jekk giex mgharraf li kien ser jahdem 40 siegha fil-gimgha jghid li le hadd ma qallu hekk. Qal li beda jahdem hemm bhala manger u chef fl-istess hin ghaliex ma kienx hemm impjegati ohra. Gieli baqa' jahdem hemm mal-counter sa nofs il-lejl jew is-2.00a.m. ghaliex ma kienx hemm staff. Mistoqsi min kien jghidlu biex jghamel dawk is-sieghat kollha jghid li kieku ma kienx joqghod kien jghalaq il-hanut.
Muri d-dokumenti esebiti u markati bhala dok JC jghid li ma kienx hu li kitibhom.

L-akkuzat **Sabri Abdelazziz Khalifa** xehed b'mod volontarju nhar l-11 ta' Ottubru, 2017. Huwa pprezenta riklam li jinsab esebit fl-atti a fol 54 markat bhala dok AK li jindika li huma fethu ghax-xoghol nhar il-5 ta' Frar, 2016 u ghamlu tlett ijiem b'offerta specjali fejn bieghu kull platt ghas-somma ta' €5.00 biex jattiraw lin-nies. Qal li qabel din id-data mhux minnu li Turk hadem mieghu. Qal il xoghlu kien li iqatta' il-haxix u l-laham u t-tigieg. Qal li kien ihallsu bir-rata ta €4.50 fis-siegha u mhux bir-rata ta' €10.38 kif suggerit mid-difiza. Qal li Turk ma kienx jahdem sew tant li kien ihallilu it-tigieg u l-laham barra. Ghalhekk fl-10 ta' Marzu 2016 keccih 'l hemm. Qal li mhux veru li kien jahdem mieghu kuljum ghaliex kien jiehu gurnata off.

Ikkonferma li kien jahdem sitt ijiem fil-gimgha u kien jghamel shift ta' tmien sieghat. Qal li huwa minnu li kien tah is-somma ta €900 fl-ahhar meta spicca. Jghid pero' li Turk zied li kienu dovuti ghall-gimghatejn u dan ma hux minnu. Qal li huwa waqqfu hesrem ghax kien isbu dejjem fuq it-tablet u beza itih notice ghax haseb li jghamillu xi haga u ghalhekk keccih dak il-hin stress.

Ikkonferma li l-hanut kien infetah fil-5 ta' Frar, 2016 u r-refurbishing li sar fil-hanut sar qabel minnu. Qal li kellu haddiema min ghamillu l-madum min ha hsieb id-displays u hekk Qal li Turk kien mar ikellmu darba qabel ma fetah izda ma keinx hadem. Qal li l-ftehim li kellu ma Turk kien qieghed fejn qallu li l-ewwel ried jara kemm kien kapaci fix-xoghol qabel ma jimpjegah bhala manager. Qal li kienu ftiehmu bir-rata ta' €4.50 fis-siegha. Qal li kellu haddiem mal-gurnata u iehor mal-lejl u huwa maghhom. Qal li huwa kien ikun hemm 24 siegha kuljum. Kien jahdem fil-forn fit-3.00a.m. sad-9.00a.m. L-ghagina tal-pizza li kien ibiegh kien igibha mill-forn tieghu stress. Ikkonferma li Turk hadem mieghu mill-5 ta' Frar, 2016 sal-10 ta' Marzu 2016.

Qal li huwa kien halsu ta' kollox bir-rata ta' €4.50 fis-siegha.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant fir-rikros tal-appell tieghu jghid li x-xhud principali tal-prosekuzzjoni Engin Turk ma hux kredibli u ghalhekk din il-Qorti kelha tiskarta x-xheda tieghu. Fil-fatt l-appellant jemmen li ghandu jigi liberat fuq nuqqas ta' kredibilta' li l-Qorti ghadnha taghti lill-parte civile.

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda

taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
**<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi</u>**[1] ,**<u>Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul, Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech</u>**[2]**<u>, Il-Pulizija v. Carmelo Schembri</u>**[3]; **<u>Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed</u>**[4]**<u>,</u>** u **<u>Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef</u>**[5] kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jghamel analizi taghhom.

Illi din il-kawza ticcentra fuq ix-xhieda moghtija minn Engin Turk li stqarr li beda jahdem ma l-akkuzat appellant xi gimgha qabel ma fetah ghall-publiku. Jghid li suppost kellu jahdem mieghu bhala manager pero' spicca jghamel kollox u cioe' jahdem ta' manger, chef u anke mal-counter. Qal li kien jahdem sieghat twal kuljum hdud u festi wkoll. Stqar li kellu diffikolta' mal-akkzuat ghaliex ma riedx jimpjegah bil-ktieb tax-xoghol u ma riedx jirregolarizza l-impieg tieghu. Spjega ukoll kif kien jibghatu jixtri u jitlob li l-merkanzija tkun bla VAT u kif huwa ma riedx jghamel hekk.

Qal li baqa' dejjem jittratjeni u jibqa' fl-impieg mieghu ghax kien jghidlu li kien ser idahhal nies ohra jahdmu izda dawn qatt ma tfaccaw. Xehed ukoll ix-xhud Seuket Ozmer li wkoll kkonferma li ghamel xi zmien jahdem mal-akkukzat u li

[1] Deciza fl-14 ta' Frar, 1989
[2] Deciza fis-6 ta' Gunju, 1994
[3] Deciza fit-28 ta' April, 1995;
[4] Deciza fit-3 ta' Novembru, 1995;
[5] Deciza fit- 18 ta' Marzu, 2010

kellu problemi mieghu fir-rigward tax-xoghol li ukoll ma kienx gie registrat mal-Awtorita' u li kien jittratjeni u jghidlu li l-ewwel ried jara x'joffri pero' baqa' li ma irregistrahx u li anke kien isibha difficli biex jithallas tant li anke hu spicca telaq minn fuq ix-xoghol.

Il-prosekuzzjoni ressqet bhala xhud lil Joseph Saliba li kkonferma li Engin Turk ma kienx registrat mal-akkuzat ghaz-zmein li hadem mieghu.

L-appellant min naha l-ohra offra d-deposizjoni tieghu. Jghid li huwa verament haddem lil Engin Turk mieghu ghalkemm jghid li ghal zmien inqas minn dak imsemmi minn Turk fix-xhieda teighu. Kien evasiv hafna fix-xhieda li ta u kien interessat biss mhux jispjega il-fatti kif jafhom hu izda li jikkontesta dak li qal Turk dwaru. Imkien ma jghid x'kienu l-kundizzjonijeit ta' impieg ta' Turk. Jghid pero' li ma kienx haddmu bhala manager minkejja dan Seuket Ozmer ighid li Turk kien il-manager tieghu fuq ix-xoghol. Imkien ma jghid li l-haddiema tieghu kienu registrati legalment biex jahdmu.

Jidher car kif innotat l-ewwel Qorti li Ozmer li huwa kkolobora hafna dak li qal Turk u jikkontrasta hafna ma dak illi qal-appellant

Punt iehor li trid tissoleva din il-Qorti jekk dak li qal l-appellant hux minnu u cioe' li kien hu li ha hsieb li jlesti l-hanut b'haddiema ohra ghaliex ma ressaqhomx bhala xhieda sabiex jitfa' dell fuq il-kredibilta' tal-parte civile jekk dak li qal ma kienx vera minnu? La ressaq il-persuna li allegamaent wahhlet id-displays u lanqas dik l-persuna li hadet hsieb l-elettriku u plumbing u lanqas dik li wahlet il-madum. Ghalhekk jidher li huwa vero simili li dak li dak li qal Turk ghandu mis-sewwa.

Huwa minnu li Turk ma hux l-ahjar xhud peress li mhux kapaci jesprimi ruhu sew pero' dan hu kagun tal-problema ta' lingwa u mhux ghaliex mhux xhud kredibbli.

Konsegwentement din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti sabiex waslet ghall-htija tal-appellant u ghalhekk qeda tikkonferma is-sentenza moghtija minnha u tichad l-appell tal-appellant in toto.

Qeda ukoll tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannat lill-appellant ihallas multa ta' elf euro (€1,000).

Qeda tikkonferma ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ordnat lill-appellant ihallas lil Engin Turk ai termini tal-artikolu 45(2) ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali id-diversi ammonti dovuti lilu li ghandhom jigu kalkolati mill-gdid a abbazi tar-rata paga mensili bejn il-5 ta Frar 2016 sal-10 ta' Marzu 2016 pero' mis-somma totali titnaqqas is-somma ta €900 li Turk gia ircieva.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur